

ECDC CORPORATE

Rapport Annwali tad-Direttur 2010

Sommarju

Fl-2010, l-ECDC rnexxielu jimplimenta l-maġġoranza tal-Programm ta' Ħidma tiegħu. Fl-istess ħin dan żied ir-riżultati tal-ħidma tiegħu, ikkonsolida l-istrutturi tiegħu u żviluppa ulterjorment is-sħubiji tiegħu sabiex jindirizza l-bżonn għal rispons aktar b'saħħtu għat-theddida tal-mard li jittieħed fl-Ewropa. Għall-ewwel darba, minbarra l-preżentazzjoni tal-kisbiet ewlenin ta' Ċentru fl-2010, Parti II ġdida hija disponibbli fuq is-sit elettroniku li tirrapporta dwar il-progress għal kull azzjoni fil-Programm ta' Ħidma tal-ECDC 2010.

Riżorsi

Fl-2010, il-baġit żdied għal EUR 57.8 miljun, b'mod konformi mal-*Programm Strateġiku Pluriennali 2007–2013* tal-ECDC.

Ħidma relatata mal-mard

L-ECDC kompla jiżviluppa għodod għax-xogħol xjentifiku, l-attivitajiet ta' sorveljanza, id-databasis u n-netwerks u kompla jorganizza l-bini tal-kapaċità u taħriġ għas-sitt gruppi ta' mard koperti mill-kompetenza tiegħu. Dan kien konformi mal-Programm ta' Ħidma Annwali u l-*Istrateġiji għal programmi għal mard speċifiku 2010–2013*, approvati mill-Bord tal-Amministrazzjoni fl-2009.

L-infezzjonijiet fl-apparat respiratorju huma sottodiviżi fi tliet oqsma: l-influenza, it-tuberkulożi u l-legjonellożi. Fir-rigward tal-**influenza**, l-ECDC ikkontribwixxa fl-evalwazzjonijiet nazzjonali, Ewropej u globali tal-ġestjoni tal-pandemija tal-A(H1N1). Sabiex jappoġġa l-ħidma li qed issir mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, l-ECDC wera l-effikaċja tal-vaċċini kontra l-pandemija, beda żewġ studji xjentifiċi dwar l-avvenimenti avversi possibbli u ppubblika stimi tal-użu tal-vaċċin. Barra minn hekk, l-ECDC beda jsaħħaħ is-sorveljanza Ewropea ta' mard sever u mwiet mill-influenza. Fil-qasam tal-influenza staġjonali, l-ECDC żviluppa valutazzjonijiet tar-riskju għall-istaġun 2010–2011, ikkonsolida x-xogħol ta' komunikazzjoni u appoġġa l-Istati Membri u l-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-Saħħa tal-UE tal-2009 dwar il-vaċċin tal-influenza staġjonali. Fil-qasam tat-**tuberkulożi**, fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea, l-ECDC ipprova segwitu dwar il-*Pjan ta' Azzjoni Qafas għall-ġlieda kontra t-Tuberkulożi fl-Unjoni Ewropea*, li nvolva konsultazzjoni wiesgħa mal-Istati Membri u mal-partijiet interessati tal-UE. Barra minn hekk, l-ECDC saħħaħ l-attivitajiet ta' sorveljanza tiegħu fl-oqsma tat-TB-HIV, ir-reżistenza għal ħafna tipi ta' mediċini u r-riżultat tat-trattament u ppubblika t-tieni rapport ta' sorveljanza konġunt tal-ECDC/WHO dwar it-TB. In-Netwerk Ewropew ta' Laboratorji ta' Referenza għat-TB, stabbilit fl-2009, ġie żviluppat ulterjorment u l-ECDC kompla jipprova pariri xjentifiċi, gwida u appoġġ lill-Istati Membri. Il-

ħidma dwar il-**Leggjonelloži** involviet l-ikkompletar tal-integrazzjoni tan-netwerk ta' sorveljanza ddedikat fl-ECDC, li ġie ffinalizzat f'April 2010. Ġie stabbilit grupp ta' koordinazzjoni u saret l-ewwel laqgħa tiegħu. L-għoti ta' appoġġ mil-laboratorji lill-Istati Membri bdiet, b'attenzjoni partikolari fuq l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-appoġġ fl-investigazzjonijiet tat-tifqigħat, inkluż inventarju tal-kapaċitajiet tal-laboratorji. Intlaħaq ukoll qbil dwar l-iżvilupp ta' strumenti li se jrinvi jgħu pprovduti fl-2011.

Fil-qasam tal-**infezzjonijiet trasmessi sesswalment, inkluż l-HIV/AIDS u virusis li jinġarru fid-demem**, l-ECDC ppubblika r-rapport ta' sorveljanza annwali dwar l-HIV/AIDS kif ukoll dokument ta' gwida dwar l-ittestjar għall-HIV/AIDS. Bosta proġetti ġew immedija (dwar il-prevenzjoni tal-STI u l-HIV fl-irġiel li jkollhom relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra u dwar l-inċidenza tal-HIV u l-prevenzjoni fost utenti tal-infezzjonijiet tad-droga) u żviluppati ulterjorment (is-sorveljanza tal-imġiba relatata mal-STI, il-migrazzjoni u l-HIV u n-notifika lill-imsieħba) fl-2010. Barra minn hekk, l-ECDC ippubblika rapport ta' monitoraġġ dwar l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Dublin u żviluppa qafas għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-HIV/AIDS 2009–2013. Wara sħarriġ madwar l-UE kollha u rapport, is-sistemi ta' sorveljanza u prevenzjoni għall-epatite B u Ċ ġew riveduti wkoll u ġie stabbilit netwerk tal-UE għall-epatite B u Ċ. Barra minn hekk, il-proġett ta' mikrobijoloġija tal-STI, li jiffoka fuq is-suxxettibilità tas-sorveljanza antimikrobjali tal-gonokoċċi, ġie implimentat u ġie ppubblikat rapport. Inġabret dejta dwar ħames STI u r-riżultati ġew ippubblikati fl-2011.

Fir-rigward tal-**mard li jiġi mill-ikel u mill-ilma u ż-żoonożi**, l-ECDC analizza s-sorveljanza għal 12-il marda umana li ġew inklużi fir-*Rapport tal-UE dwar Tendenzi u Għejun ta' Żoonożi, Aġenti Żoonotiċi u tifqigħat ta' mard li ġej mill-ikel fl-Unjoni Ewropea fl-2009** ippubblikat mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA). L-ewwel studju konġunt mal-UE dwar il-listerjożi beda wkoll. F'Marzu 2010, tnediet pjattaforma tal-IT għall-kondiviżjoni ta' mistoqsijiet urġenti u sabiex jiġu diskussi l-kxi u l-investigazzjoni ta' tifqigħat multinazzjonali ta' mard li jinġarr fl-ikel. Barra minn hekk, bdiet il-ħidma dwar l-iżvilupp ta' sistema ta' sorveljanza molekulari.

Fil-qasam tal-**mard emerġenti u mard trasmess mill-insetti**, l-ECDC ikkonsolida n-netwerk għall-entomologi mediċi u l-esperti tas-saħħa pubblika fuq msrd li jinġarr minn vektor artropodu (VBORNET), stabbilit f'Settembru 2009. In-netwerk ipproduċa l-ewwel mapep tad-distribuzzjoni fuq il-firxa ta' speċijiet ta' nemus invażivi u s-sorveljanza tagħhom. VBORNET beda wkoll jivvalida d-data għal gruppi oħra ta' speċijiet. Abbażi ta' sħarriġ tal-attivitajiet u l-bżonnijiet tal-Istati Membri li sar fl-2010, qiegħda tiġi żviluppata strateġija għas-sorveljanza tal-insetti ewlenin ta' trasmissjoni tal-mard tal-bniedem. Fir-rigward ta' mard trasmess mill-qurdien, l-ECDC iffoka x-xogħol tiegħu mal-esperti fuq l-istat ta' notifika ta' dan il-mard. Finalment, in-netwerk tal-ECDC dwar il-mard virali importat ikkonċentra l-attivitajiet tiegħu fuq it-tifqigħat tad-deni tal-Punent tan-Nil, l-assigurazzjoni tal-kwalità esterna u appoġġ ta' taħriġ għall-mikrobijologi fl-Istati Membri.

Fil-qasam tal-**mard li jista' jiġi evitat b'vaċċin**, l-ECDC ippubblika dokumenti ta' gwida u studji dwar il-marda tal-meningokokkus invażiva, il-vaċċin tal-ħożba-gattone-rubella u l-infezzjonijiet mir-rotavirus. Sar ukoll sħarriġ dwar il-vaċċin tal-influenza pandemika u staġjonali. Ġie kkompatat dokument ta' konsensus dwar l-istandardizzazzjoni tal-valutazzjoni tal-kopertura tal-vaċċin u dan jista' jirriżulta bħala għodda importanti għat-tqabbil u l-valutazzjoni komparattiva ulterjuri fil-livell tal-UE. It-tieni konferenza tal-Eurovaccine seħħet f'Diċembru 2010. Is-sorveljanza ġiet imsaħħa iżjed, bi skemi tal-assigurazzjoni tal-kwalità esterna (meninġite u influenza) u eżerċizzju sabiex jiġu mmappjati l-kapaċitajiet tal-laboratorji (pnewmonja) madwar l-Ewropa. It-trasferiment ta' DIPNET (netwerk għas-sorveljanza tad-difterite) intemm u beda l-proċess għal EUVACNET (ħożba, rubella, pertussi u varicella). Permezz tal-proġett tiegħu VAESCO għall-avvenimenti mediċi potenzjalment relatati mal-vaċċini pandemiċi, l-ECDC investiga s-sindromu Guillain-Barré (ebda assoċjazzjoni) u n-narkolessija (l-istudju għadu pendent).

Fir-rigward tar-**reżistenza antimikrobjali u infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa**, waħda mill-avvenimenti ewlenin fl-2010 kienet l-integrazzjoni tan-Netwerk Ewropew ta' Sorveljanza tar-Reżistenza għall-Antimikrobiċi (EARS-Net) fl-ECDC. In-netwerk nieda sit elettroniku ġdid, inkluż bażi ta' dejta interattiva, u ppubblika r-rapport tiegħu tal-2009. L-ECDC ipproċuda wkoll valutazzjoni komprensiva tat-theddida imposta minn batterji li jipproduċu enzim ġdid li jagħti reżistenza għal ħafna tipi ta' mediċina, jiġifieri n-*New Delhi metallo-beta-lactamase* (NDM-1), u se jsegwi b'dokument ta' gwida għall-Istati Membri. Avveniment ieħor ewleni kien il-Jum Ewropew għall-Għarfien dwar l-Antibijotiċi, ikkoordinat mill-ECDC f'Novembru 2010. L-avveniment, li ffoka fuq l-użu prudenti tal-antibijotiċi fl-isptarijiet, irċieva kopertura wiesgħa madwar l-Ewropa, u ġġenera total ta' 226 artikolu bejn l-20 ta' Ottubru u t-3 ta' Diċembru. Fl-aħħar, l-ECDC appoġġa r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-UE dwar is-sikurezza tal-pazjent, inkluż il-prevenzjoni u l-kontroll ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa (2009/C 151/01) u dwar l-użu prudenti tal-aġenti antimikrobiċi fil-mediċina umana (2002/77/KE) permezz tal-iżvilupp ta' metodoloġija għat-tmexxija ta' sħarriġ fuq il-punti prevalenti dwar infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa u l-użu ta' aġenti antimikrobiċi fl-isptarijiet għall-kura akuta. L-ECDC ikkoordinat l-ewwel sħarriġ pilota f'66 spatar fi 23 pajjiż, li kopra kważi 20 000 pazjent.

* Rapport Sommarju tal-Komunità dwar Tendenzi u Għejun ta' Żoonożi, Aġenti Żoonotiċi u tifqigħat ta' mard li jinġarr fl-ikel fl-Unjoni Ewropea fl-2009

Funzjonijiet tas-saħħa pubblika

Il-funzjonijiet tas-saħħa pubblika issa huma stabbiliti b'mod sod u daħlu fil-fażi ta' konsolidazzjoni ulterjuri u ta' rfinar.

Sorveljanza

Sal-aħħar tal-2010, total ta' 11 mis-17-il netwerk ta' sorveljanza ddedikati li kienu qed joperaw fl-2005 kienu ġew trasferiti għal TESSy. Ċerti attivitajiet kellhom jingħataw lil terzi għaliex l-ECDC għad ma żviluppax biżżejjed kompetenza f'dawn l-oqsma. L-ECDC appoġġa wkoll lill-utenti ta' TESSy fl-Istati Membri. Proċedura għall-kondiviżjoni tad-data ta' sorveljanza minn TESSy ma' partijiet terzi ġiet approvata mill-Bord tal-Amministrazzjoni f'Novembru 2010. Fl-2010, inġabret ammont sinifikanti ta' dejta u, minbarra r-Rapport Epidemjoloġiku Annwali tiegħu, l-ECDC ippubblika rapporti ta' sorveljanza speċifiċi dwar iż-żooniżi, it-tuberkulożi, l-HIV/AIDS u l-influenza. Barra minn hekk, intemmet l-ewwel fażi ta' proġett tal-assigurazzjoni tal-kwalità tad-dejta u r-riżultati ġew riveduti. L-ECDC u l-Korpi Kompetenti għas-sorveljanza issa sejr in jiddiskutu l-iżvilupp ta' sett ta' kriterji standard minimi għat-tħaddim tas-sistemi ta' sorveljanza effettiva li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-UE.

Appoġġ xjentifiku

L-ECDC żviluppa ulterjorment l-appoġġ xjentifiku tiegħu permezz tal-organizzazzjoni tal-konferenza annwali tal-ESCAIDE mill-11–13 ta' Novembru 2010 f'Lisbona. Kompliet il-ħidma dwar l-immudellar matematiku bl-iżvilupp ta' mudelli għall-HIV, l-introduzzjoni tal-programmi tal-vaċċin għall-varicella u s-simulazzjoni tal-effetti tal-għeluq tal-iskejjel matul pandemija tal-influenza. L-ECDC kompla jiżviluppa l-proġett tiegħu dwar l-ambjent u l-epidemjoloġija (il-proġett E3), bit-trasferiment tad-databases kbar tal-EDEN għall-ECDC. Fir-rigward tal-piż preżenti u futur tal-mard li jittieħed fl-Ewropa, intlaħaq qbil fuq metodoloġija u din ġiet ittestjata għal erba' mardiet f'erba' Stati Membri. Barra minn hekk, l-ECDC ifformalizza l-proċess għall-għoti ta' pariri xjentifiċi, bl-istabbiliment ta' sistema li tirreġistra u twieġeb għal talbiet u l-iżvilupp ta' database ta' esperti. Fl-2010, l-ECDC kien minn tal-ewwel fl-organizzazzjoni ta' taħriġ f'metodoloġij bbażati fuq l-evidenza fil-qasam tal-epidemjoloġija tal-mard infettiv. Fl-aħħar, l-ECDC kompla jikkollabora mal-Punti Fokali Nazzjonali tal-Mikrobijoloġija fuq numru ta' kwistjonijiet prinċipali.

Preparazzjoni u rispons

Fl-2010, pjattaforma ġdida għall-valutazzjoni tar-riskju li tittratta kwistjonijiet ta' ġestjoni tar-riskju saret operattiva biex tikkomplimenta l-EWRS (Sistema ta' Twissija u Rispons Bikri). L-ECDC ievaluta u ssorvelja r-riskji ta' mard li jittieħed għal ħames avvenimenti ta' ġemgħat kbar. Total ta' 89 theddida ta' ambitu tal-UE ġew irrapportati fl-EWRS imħaddma mill-ECDC. B'kollox, saru 32 valutazzjoni ta' theddid u dawn ġew kondiviżi mal-Istati Membri. L-ECDC ipprova wkoll esperti fil-qasam biex jappoġġa lill-Istati Membri fir-rispons għal tifqigħat tal-ħożba fil-Bulgarija, id-deni tal-Punent tan-Nil fil-Greċja, u l-kolera barra l-UE f'Haïti. Ġew ippubblikati linji gwida għall-valutazzjoni tar-riskju ta' trasmissjoni ta' mard li jittieħed f'ajruplani u fuq vapuri tal-kruċieri. Abbażi tal-lezzjonijiet mitgħallma mill-pandemija tal-influenza A(H1N1), l-ECDC irreveda l-Pjan Operattiv għal Avvenimenti tas-Saħħa Pubblika intern tiegħu (PHE-OP). Fl-2010, saru tliet eżerċizzji ta' simulazzjoni u l-ECDC ipparteċipa f'erba' eżerċizzji organizzati mill-Istati Membri u l-Kummissjoni.

Taħriġ

L-attivitajiet ta' taħriġ għall-bini tal-kapaċitajiet ikkonsista l-aktar minn programmi ta' *fellowship* ta' sentejn bħal EPIET u EUPHEM. Wara l-evalwazzjoni tal-EPIET, żdiedet għażla ta' Stat Membru mal-*EU-track* eżistenti, sabiex tiżdid l-appartenenza tal-Istati Membri fuq il-programm. B'kollox ġew organizzati 19-il żjara lill-Istati Membri bħala parti mill-attivitajiet ta' kontroll intern tal-kwalità tal-programmi EUPHEM u EPIET. L-ECDC organizza wkoll programmi ta' taħriġ aktar speċifiċi u żviluppa l-Field Epidemiology Manual Wiki (FEM Wiki – Wiki Manwal tal-Epidemjoloġija tal-Qasam).

Komunikazzjoni dwar is-saħħa

Fl-2010, l-ECDC ħareġ 35 pubblikazzjoni xjentifika. Is-sit elettroniku ġdid tal-ECDC, imniedi fl-2009, jikkostitwixxi sors importanti Ewropew ta' informazzjoni għall-kwistjonijiet tas-saħħa pubblika, b'aktar minn 70 000 fajl imniżżla fl-2010. Serje ta' seba' Punti ta' Attenzjoni tnedew fuq is-sit elettroniku sabiex jenfasizzaw suġġetti importanti fil-qasam tal-mard li jittieħed. L-udjenza fil-mira huma l-esperti tas-saħħa pubblika, it-tobba, il-politikanti u l-pubbliku ġenerali. Fl-2010, madwar nofs miljun ruħ raw is-sit elettroniku l-ġdid. Barra minn hekk, tnedew pjattaformi ġodda tal-intranet u 'extranet'. Barra minn hekk, Eurosurveillance ppubblikat 307 artikoli, 100 komunikazzjoni rapida riveduta minn pari u 105 artikoli twal riveduti minn pari. L-ECDC qed ikompli jiżviluppa r-riċerka rigward il-komunikazzjoni dwar is-saħħa u qed ikompli jappoġġa l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-Istati Membri dwar is-saħħa, b'mod partikolari permezz ta' strumenti tal-komunikazzjoni.

Sħubiji

Fl-2010, l-ECDC iddeċieda li jsaħħa u jissimplifika l-mod tal-ħidma tiegħu mal-Istati Membri: mill-2011 'il quddiem, Korp Kompetenti ta' koordinazzjoni wieħed se jjer jinħatar f'kull pajjiż. Fl-2010 ġew organizzati ħafna żjarat f'pajjiżi, kompla l-proġett ta' informazzjoni dwar il-pajjiżi u kien hemm kooperazzjoni ulterjuri mal-pajjiżi kandidati tal-UE u ma' dawk li huma potenzjalment kandidati. Ir-relazzjonijiet interistituzzjonali ssaħħew iżjed mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Ministri (inklużi l-Presidenzi tal-UE), il-Kummissjoni Ewropea, aġenziji Ewropej oħrajn, il-WHO u l-istituti pari tal-ECDC fil-USA, iċ-Ċina u l-Kanada.

Tmexxija

F'Mejju 2010, id-Direttur ġdid tal-ECDC beda l-aġenda sostenibbli tal-ECDC għall-2010–2011'. Din involviet l-istabbiliment ta' 15-il grupp ta' ħidma biex jiddiskutu t-titjib f'numru ta' oqsma strateġiċi, inkluż il-politika, is-sħubiji u l-finanzi. Il-proċess irriżulta f'serje ta' proposti prattiċi ppreżentati lill-Bord tal-Amministrazzjoni għall-approvazzjoni. Bħala konsegwenza l-ECDC adotta sett ta' valuri għall-organizzazzjoni: li tkun iddireġuta mill-kwalità, li tkun orjentata lejn is-servizz u li taġixxi bħala tim wieħed. Fl-2010, b'kollox ġew organizzati tliet laqgħat tal-Bord tal-Amministrazzjoni u erbgħa tal-Forum Konsultattiv, b'titjib fil-komunikazzjoni u appoġġ permezz ta' 'extranet' kollaborattiv iddedikat. Għall-ewwel darba, il-Programm ta' Ħidma adottat mill-Bord tal-Amministrazzjoni f'Novembru 2010 kien fih ċifri tal-baġit dettaljati skont l-attività. It-tieni verżjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Ġestjoni, użata għall-ippjanar u s-sorveljanza tal-Programm ta' Ħidma, tnediet f'Lulju 2010. Il-ġestjoni tal-kwalità saret għan strateġiku għall-ECDC u t-tnedija ta' proċess ta' ġestjoni tal-kwalità rriżulta fl-għażla tal-Qafas Komuni ta' Valutazzjoni (*Common Assessment Framework* - CAF) bħala l-għodda għall-implimentazzjoni tal-assigurazzjoni tal-kwalità fl-ECDC mill-2011. Barra minn hekk, ġie stabbilit Grupp Ekoloġiku mill-Kumitat tal-Persunal, bil-għan li jithaqqas l-impatt tal-ECDC fuq l-ambjent.

Amministrazzjoni

L-Unità ta' Ġestjoni tar-Riżorsi kompliet tappoġġa l-attivitajiet operattivi tal-ECDC matul is-sena. L-2010 kienet l-aħħar sena li fiha l-baġit tal-ECDC żdied (b' +20%) biex jilħaq EUR 57.8 miljun. Numru ta' membri tal-persunal ġodda ġew rekrutati u fil-31 ta' Diċembru 2010, it-total finali kien ta' 254.